1 ta' Mejju, 1951
Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
**Paolo Sant *versus* Giuseppe Grech et.**

**Appalt — Reċess ta' l-Appaltatur — Danni.**

*Min jassumi li jagħmel xogħol bi prezz stabbilit u determinat, ma jistax jirreċedi bla raġuni tajba mill-ftehim, u jitlob il-ħlas tax-xogħol li jkun laħaq għamel, in bażi tal-ftehim.*

*Imma għax-xogħol li laħaq għamel huwa fil-pożizzjoni ta' terz li għamel xogħol utili fil-ħaġa ta' ħaddieħor; u għalhekk ħaqqu kumpens in bażi għar-regoli tal-pussess u ta' l-aċċessjoni, għal dak ix-xogħol.*

*Minn dak il-kumpens, però, għandu jiġi dedott dak li l-appaltatur huwa obbligat iħallas lill-kontroparti għal danni u interessi. U dawn id-danni u interessi l-kontroparti ma titlifx id-dritt għalihom minħabba l-fatt li hija tkun kompliet ix-xogħol abbandunat mill-appaltant mingħajr ma tkun talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex tkompli x-xogħol hija bi spejjeż ta' l-appaltatur. Għax dik l-awtorizzazzjoni mhix assolutament meħtieġa meta l-appaltant, biex jottjeni dak li kien ommess mill-appaltatur, ma jkunx sejjer imiss il-patrimonju tad-debitur jew ta' terzi persuni. Biss, id-debitur ma għandux ibati l-ispejjeż li l-kreditur jagħmel u li jiġu mill-Qorti kunsidrati eċċessivi.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta li hu ġie nkarikat mill-konvenut biex jagħmel xogħol ta' tħammil bit-trucks tal-materjal mill-biċċa art li qegħda l-Fleur-de-Lys, Birkirkara, bil-kondizzjoni li l-materjal li kellu jitneħħa kien turbazz; li fil-fatt irriżulta illi l-parti l-kbira tal-materjal li kellu jitneħħa kien blat li kellu jinqata', u mhux turbazz kif miftiehem; li għalhekk hu, wara li neħħa t-turbazz kollu li kien hemm fil-post, kien kostrett jitlaq mix-xogħol għar-raġuni premessa; u li tax-xogħol li huwa laħaq għamel l-attur jippretendi s-somma ta' £40; u talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha opportuni, il-konvenut, previja d-dikjarazzjoni illi huwa naqas mill-ftehim kif fuq stipulat, jiġi kundannat minn dina l-Qorti li jħallas lill-attur dik is-somma li tiġi likwidata, anki għal bżonn per mezz ta' periti nominandi, u dana bħala kumpens għax-xogħol fuq imsemmi, eżegwit mill-attur fuq inkariku tal-konvenut. Bl-imgħax kummerċjali min-notifika ta'

l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Lulju 1950, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali fuq imsemmija, kontra l-konvenut ingunt għas-subizzjoni;

*Omissis:*

Fil-meritu;

Mill-provi deher ill' l-obligu assunt m'll-attur, u l-inkariku lilu mogħti mill-konvenut, kien jikkonsisti fil-qtugħ u ġarr ta' ċirka 570 jardi kubi ta' materjal meqjus fuq il-post. Il-kwalità tal-materjal kellha tkun, fil-parti l-kbira tagħha, turbazz. Il-kumpens miftiehem kien ta' £75. Fil-fatt il-kwalità tat-turbazz kienet iebsa, iżda mhux tali li ma tibqax kunsidrata bħala kwalità ta' turbazz; għaliex il-materjal seta' jinħadem bil-fies, u ma kienx jirrikjedi l-użu tal-baqqun. Huwa użu, "in subjecta materia", li jitqies turbazz dak li jinħadem bil-fies, u blat dak li jinħadem bil-baqqun. L-attur, wara li qata' u ġarr ċirka 220 jarda kubi ta' materjal meqjus fil-post, qabad u telaq, u xolja l-kuntratt minn jeddu;

Il-perit illikwida l-kumpens li ħaqqu l-attur tax-xogħol li laħaq għamel fis-somma ta' £32;

Però, tajjeb osserva l-konvenut fin-nota fol. 38, illi l-kwistjoni mhijiex tant sempliċi; għaliex inkella kull kuntrattur, meta jara li mhux sejjer tajjeb, ikun jista' jaqbad u jitlaq, jitħallas ta' dak li għamel, u jikkaġuna ħsara lil ħadd ieħor impunement. L-attur kien marbut bi ftehim, li, f'nuqqas ta' raġunijiet validi in kuntrarju, kien fl-obligu li jeżegwixxi; minflok, hu rreċeda minn jeddu mill-ftehim, u l-lum qiegħed jinvoka l-intervent tat-tribunal bħallikieku hu mexa regolari, mentri inveċe kien inadempjenti. U l-massima in materja hi "inadimplenti non est adimplendum";

Għalhekk il-Qorti għandha tara x'inhi l-pożizzjoni ġuridika li nħolqot in konsegwenza ta' dan l-aġir ta' l-attur;

La darba hu rreċeda mill-ftehim, hu ma jistax jitlob xejn in bażi għal dak il-ftehim, għaliex, kif ingħad, "inadimplenti non est adimplendum". Il-ftehim ġie minnu riżolut bla kawża ġusta, għaliex il-motiv ta' riżoluzzjoni li hu ppretenda, illi ċjoè l-materjal kien blat, ma kienx fondat. Intant hu għamel parti mix-xogħol. Għax-xogħol eżegwit l-attur hu fl-istess pożizzjoni ta' terz li jagħmel xogħol utili f'ħaġa ta' ħadd ieħor; għaliex, kieku kellu jiġi 'l-quddiem in bażi għall-ftehim, hemm

dejjem kontra tiegħu l-"exceptio non impleti contractus", li l-kommentaturi tad-Dritt Ruman iddeżumew mić-ċelebri liġi "Offerri", Dig. empti venditi, u mbagħad estendew, għal raġunijiet palpabili ta' analoġija, għall-kuntratti sinallagmatiċi kollha (ara Maynz, Obligaz. par. 35; Molitor, Oblig. 1891, 93). Għalhekk l-attur ħaqqu kumpens in bażi għar-regoli tal-pussess u ta' l-aċċessjoni. Dan il-kumpens ġie mill-perit regolat fis-somma ta' £32;

Però, in bażi għar-regoli tax-xoljiment tal-kuntratti bi ħtija ta' waħda mill-partijiet (ara Giorgi, Vol. IV, para. 222, paġ. 261, u Laurent, Vol. XVII, para. 155), l-attur għandu jikkonteġġja dak li hu minnu dovut lill-kontroparti għal danni u interessi; għaliex inkella jiġri dak l-inkonvenjent li birraġun ilmenta minnu l-konvenut, fis-sens li allura min jogħġbu jista' jxolji l-kuntratt u japprofitta ruħu non ostanti li jkun inadempjenti—soluzzjoni mhux tollerabili, la mill-aspett legali u lanqas minn dak morali u ekwitativ;

Issa, iċ-ċirkustanzi a propożitu ta' dawn id-danni u nteressi huma dawn: il-konvenut u l-kjamat in kawża ħadu l-appalt b'£90; huma ssubkonċedew l-appalt lill-attur b'£75; evidentement dan ma qabillux ikomplieh, u l-ewwel bil-pretest li sejjer l-Awstralja, imbagħad bil-pretest li l-materjal kien blat, telaq ix-xogħol. B'daqshekk hu kkaġuna danni lill-konvenut u lill-kjamat in kawża. Id-dannu f'materja kontrattwali hu dak konsistenti fit-telf li jkun bata l-kreditur u l-qliegħ li jkun ġie mtellef, ċjoè fid-"damnum emergens" u l-"lucrum cessans" (art. 1178 Kap. 23). Kieku l-attur kompla l-ftehim kif kellu jkomplieh, il-konvenut u l-kjamat in kawża kienu jillukraw id-differenza bejn il-prezz li bih ħadu l-appalt (£90) u s-somma li kellhom iħallsu lill-attur (£75). Il-"lucrum cessans" hu għalhekk £15. Kwantu għall-perdita li batew ("damnum emergens"), il-konvenut xehed (fol. 55) illi, wara li telaq mix-xogħol l-attur, hu nefaq is-somma ta' £109. 10. 0 biex ikompli x-xogħol. Issa, hu veru li x-xogħol kien jiswa anki aktar minn £90, li kien il-prezz li bih ħadu l-appalt il-konvenut u l-kjamat in kawża—tant jgħid l-istess perit ġudizzjarju fil-para. 4 (iii) fol. 34—u għalhekk wieħed ma għandux jistagħġeb li, biex tkompla l-appalt, huma nefqu somma rilevanti. Min-naħa l-oħra, wieħed ma għandux jinsa żewġ konside-

razzjonijiet: l-ewwel illi minn 570 jarda kubi ta' materjal l-attur kien gà ħadem 220, u kwindi n-nefqa ta' £109. 10. 0 kienet biss għar-rimanenza ta' 350 jarda kubi ta' materjal; it-tieni, il-konvenut u l-kjamat in kawża ma talbux l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex ikomplu x-xogħol huma a spejjeż ta' l-attur. Dana n-nuqqas ma jipprivahomx mid-dritt li jikkontegġjaw id-"damnum emergens"; għaliex, kif josserva l-Giorgi (Teor. Obligaz. Vol. II, para. 105, paġ. 161), l-iskritturi l-aktar akkreditati jgħallmu li din l-awtorizzazzjoni mhijiex assolutament neċessarja meta, biex jottjeni dak li jkun ġie ommess mid-debitur, il-kreditur ma jkollux bżonn li jmiss l-patrimonju tad-debitur jew ta' terza persuna. "Se il creditore", jgħid dan l-awtur, "non ha bisogno di mettere mano sulle cose del debitore, nè dei terzi, è massima prevalente di dottrina non essere necessaria l'autorizzazione" (ara f'dan is-sens ukoll Larombiere, 1144, 4; Mourlon, II, 1138 in fine; Demolombe, I, 500; Laurent, XVI, 20);

Il-Giorgi, però, jagħmel riżerva li hi ferm raġjonevoli li għandha ssir. Jgħid infatti illi, meta ma jkunx hemm l-awtorizzazzjoni tat-tribunal, allura "il debitore non può essere costretto a sopportare le spese incontrate dal creditore se il giudice le ravvisi eccessive, sia per fatto del creditore, sia per circostanze indipendenti dal fatto del creditore";

Fuq dan il-pont ta' l-eċċessività jew le tas-somma ta' £109. 10. 0, il-Qorti rriflettiet illi, minn naħa waħda l-perit ġudizzjarju stess qal li anki s-somma ta' £90 kienet baxxa biex jiġi eżegwit dak ix-xogħol; minn naħa l-oħra, però, l-attur kien gà ħadem qisu tliet ottavi tax-xogħol, u kien baqa' biss ħames ottavi. Is-somma ta' £109. 10. 0 tħallset prattikament mhux għax-xogħol kollu, imma għal ħames ottavi minnu. Għalhekk il-Qorti, "arbitrio boni viri", tqis illi l-ispiża kienet eċċessiva, u tirriduċiha għas-somma ta' £100, b'mod li l-perdita tal-konvenut u l-kjamat in kawża kienet ta' £10;

Għalhekk il-kumpens ma jibqax aktar likwidat fis-somma ta' £32, imma fil-bilanċ li jibqa' meta jittieħdu in konsiderazzjoni ż-żewġ perditi li l-attur bi ħtija tiegħu ikkaġuna lill-konvenut u lill-kjamat in kawża, ċjoè d-"damnum emergens" (£10) u l-"lucrum cessans" (£15); b'mod li dan il-bilanċ ikun ta' £7;

Kwantu għall-ispejjeż;

Għalkemm l-attur talab somma li għandha tiġi likwidata, jirriżulta però mill-attijiet, u mill-korp stess taċ-ċitazzjoni, li hu jippretendi £40 ta' xogħlu;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' t-talba għas-somma biss ta' £7, bl-ingħax Kummerċjali mil-lum; u tordna li l-ispejjeż jitħallsu kwantu għal 33/40 mill-attur u 7/40 mill-konvenut.